FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 17 TA' LULJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
MICHAEL CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Camilleri ta' 57 sena bin George u Adelina nee Borg imwieled Sliema fid-9 ta' Settembru 1936 u joqghod Ta' Dukkara, Salina Bay, Burmarrad ID 642236M bhala Managing Director u/jew persuna responsabbli ghal Emec Co. Ltd ta' 152, Cannon Road, Hamrun talli f'dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar snin, fil-kariga tieghu ma Emec Co Ltd, b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u b'risoluzzjoni wahda, bhala Manager u/jew ufficjal principali iehor u/jew pagatur u ghaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-Artikolu 55(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income kap 123 (hawn izjed il-quddiem imsejjah l-Att), u r-Regola 28 tar-Regoli ta' l-1972 dwar Tnaqqis ta' Taxxa (PAYE) (hawn izjed il-quddiem imsejjha ir-Regoli), wara li thallsu emolumenti taxxabbli taht l-Artikolu 5(1)(b) u/jew (e) ta' l-Att bi ksur tad-disposizzjonijiet li ser jissemmew:-

1. Naqas milli jibghat lill-Kummissrju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt it-taxxa imnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jaghmel skond l-Artikolu 55(1) ta' l-Att u r-Regol 12(1)(a) tar-Regoli, u dan

ghall-perjodu Mejju 1986 sa Dicembru 1986, ammont Lm4343.12,1 u minn Jannar 1987 sa Dicembru 1987, ammont Lm6245.80,4; u min Jannar 1988 sa Dicembru 1988, ammont Lm5121.05,7; u min Jannar 1993 sa Dicembru 1993, ammont Lm7000, u min Jannar 1994 sa Mejju 1994, ammont Lm2900 u ghar-rigward tas-somma ta' Lm25,609.98,2 (totali).

2. Naqas milli jibghat lill-Kummissarju ta-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt il-prospett/I dettaljat/I skond l-Artikolu 55(2) ta' l-Att u Regola 12(1)(a) tar-Regoli u dan ghar-rigward tal-prospett/I ghal perjodu ara para 1 fuq.
3. Naqas milli jibghat fiz-zmien preskritt ir-returns (il-prospetti/d-dokumenti) annwali li jikkonsistu fil-formoli P3, P6 u P7 ghas-sena/snin 1986 sa 1988 skond l-Artikolu 55(2) ta' l-Att u r-Regola 14 tar-Regoli.
4. Approprija ruhu, billi dawwar ghalih jew ghal persuna/I ohra is-somma ta' Lm25,609.98,2 li hu zamm taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 94 tal-Kodici Kriminali (kap 9) u b'dannu lill-Gvern ta' Malta u ta' diversi impjegati ta' Emec Co Ltd

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-decizjoni taghha tal-27 ta' Frar 1998 fejn il-Qorti cahdet talba tal-imputat ghal soprasessjoni u ordnat il-prosediment tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni b'mod specjali ghal dak li jirrizulta mix-xhieda ta' Emanuel Gatt (ara xhieda fol 33 sa 43) illi l-imputat bhala Direttur ta' Emec Co Ltd naqas illi jhallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni it-Taxxa mizmuma mill-impjegati tieghu bhala PAYE f'ammont ta' Lm25.609 (hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u disgha liri maltin) u dana ghal perjodu 1986, 1987, 1988, 1993 u 1994.

Emanuel Gatt mid-dipartiment tat-Taxxi Interni xehed illi kienu saru hafna tentattivi biex jsibu modalitajiet kif din it-taxxa ghandha tithallas pero dal-hlas fil-fatt qatt ma sar.

Ikkonferma l-letter to prosecute dok EG a fol 36. Gie esebita wkoll dok EG4 li hija talba ghall-hlas f'perjodu ta' hmistax il-gurnata u dok EG5 avviz illi ser jittiehdu passi kriminali u legali kontra l-imputat. Giet esebita wkoll kopja tal-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija Emec dok EG6 li turi illi fil-perjodu indikat fic-citazzjoni l-imputat kien Managing Director tal-kumpanija.

Kitienne Camilleri mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (fol 55) spjegat lill-Qorti kif id-dipartiment fuq best of judgement assessment waslu ghas-somma indikata fic-citazzjoni.

Eugenio Sapiano, wkoll mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (fol 60 - 63) xehed illi min Lm25, 609, Lm15,709 kien l-estimu illi gie intavolat mill-imputat stess, illi kien biss ghal kumplament tas-somma illi d-dipartiment kellha taghmel l-estimu hi.

A fol 61 hemm id-dettalji ta' l-ammonti kollha ta' taxxa li id-dipartiment qed jippretendi minghand l-imputat ghal kull sena min 1986 sa 1994.

Mr Sapiano informa lill-Qorti illi meta id-dipartiment tkellem mal-imputat dan infurmah illi huwa kien ghadda min perjodu illi ma setax ikecci il-haddiema, u kien gie kostrett johrogilhom il-pagi taghhom u ghalhekk zgur li ma setax jhallas it-taxxa u n-National Insurance.

Il-Qorti imbaghad semghet ix-xhieda ta’ l-impjegati tal-kumpanija Emec ta’ dak iz-zmien u cioe Frans Cassar (fol 87-90), Edward Porter (fol 91-97), Joseph Bonnett (fol 98-102), Raymond Borg (fol 103-108), Joseph Fleri (fol 110-113), Vincent Fitzpatrick (fol 116 sa 119), u Emanuel Buhagiar (fol 120-126). Dawn kollha xehdu illi huma kienu impjegati mal-kumpanija Emec fil-perjodu koncernat f’diversi karigi. Illi kienu jithallsu daqqa fil-gimgha, daqqa kull hmistax imbaghad anke kull xahar, u li mill-paga taghhom kien jsir it-tnaqqis ta’ National Insurance.

Kollha xehdu fuq il-perjodu imwera illi l-kumpanija ghaddiet minnha fejn tant kienet sejra hazin finanzjarjament illi l-impjegati stess fuq direttiva tal-Union taghhom kienu johorgu jigbru il-flus mill-krediti tal-kumpanija u dawn il-flus minflok ma jghadduhom lil Management, iqassmuhom huma stess sabiex jkopru il-pagi taghhom, bl-eccezzjoni ta’ Frans Cassar u Porter, ix-xhieda fuq indikati ikkonfermaw li apparti it-tnaqqis tan-National Insurance, kien jsir wkoll it-tnaqqis tal-PAYE.

L-impjegati kollha xehdu li l-kumpanija kienet ghaddiet min perjodu difficli hafna, b’problemi kbar ta’ licenzji ta’ importazzjoni, b’cash flow problems serji minkejja li l-kumpanija hadet dawk il-mizuri kollha sabiex tissalvagwarda l-losses taghha xorta baqghet sejra lura tant illi kienet waslet fl-estremita li kienet giet kostretta li tissensja xi nies pero ma thallitx taghmel dan, minhabba il-policy tal-Gvern ta’ dak iz-zmien fejn id-direttur tax-xoghlijiet ma tax il-permess tieghu sabiex xi impjegati jigu licenzjati.

A skans ta’ ripetizzjoni jrid jinghad illi l-impjegati kollha ikkonfermaw il-kariga taghhom, ikkonfermaw li fil-perjodu indikat fic-citazzjoni huma kienu infatti impjegati mal-kumpanija Emec u li sar it-tnaqqis fil-pagi taghhom sew ghal dak li hu ghan-National Insurance kif wkoll ghall-PAYE.

Kollha ikkonfermaw il-perjodu imwier li minnu ghaddiet il-kumpanija, l-isforzi kwazi inumani kemm il-Management kif wkoll ghall-istess impjegati u kif kollha inghaqdu flimkien sabiex jipprovaw almenu jigbru mid-debituri tal-kumpanija almenu kemm haqq il-paga taghhom. Kollha ikkonfermaw illi l-Management fi sforz li jissalvagwarda l-impjieg ta' whud mill-impjegati kienet giet kostretta li tiehu decizjoni li taghti is-sensja lil xi impjegati li pero dan ma sarx minhabba il-policy tal-Gvern ta' dak iz-zmien li ma tax il-kunsens tieghu sabiex dan jsir.

Is-senior officials tal-kumpanija fosthom Vincent Fitzpatrick u Emanuel Buhagiar xehdu illi l-gwaj tal-kumpanija Emec beda meta l-Gvern ta' dak iz-zmien kien ha decizjoni arbitrarja li jwaqqaf kull importazzjoni mill-Gappun. Illi din id-decizjoni affettwat lil kumpanija Emec b'mod immedjat u krucjali  il-ghaliex l-oggetti ta komunikazzjoni li fihom kienet tinnegozzja il-kumpanija Emec kienu kwazi  kollha importati mill-Gappun.

B'hekk hesrem il-kumpanija giet imxekkla milli tinnegozja. Fl-istess perjodu imbaghad kien hemm policy tal-Gvern li ma thalliex lil min jhaddem jillicenzja lill-impjegati. Kienu dawn iz-zewg policies illi faqqru lill-kumpanija.

Min naha tieghu l-imputat Michael Camilleri (fol 128 sa 144), xehed illi huwa kien il-Managing Director ta' Electro Mechanical Electrical Co Ltd (Emec) min 1976. Qabblu kienet gestita minn missieru. Kellhom l-agenzija  tal-Canon u il-Brother li t-tnejn kienu gappunizi u xi agenziji ohra fuq it-telefonija.  In-negozju illi kien jigi generat min dawn l-agenziji kien jirrapresenta 80% tan-negozju shih tal-kumpanija.

L-imputat Camilleri stqarr illi kien tlett fatturi ewlenin li hakmu lill-kumpanija tieghu u b'konsegwenza ta' dawn il-kumpanija issubit telf serju. Dawn kienu illi f'Novembru 1982 il-Gvern ta' dak iz-zmien kien iddecieda illi jwaqqaf hesrem kull importazzjoni tal-Gappun (ara dok MC1 press release tad-DOI fol 150)

In oltre il-Gvern ta' dak iz-zmien kien impedixxa lill-privat li jiddilja fit-telefonija u fuq kollox l-istess Gvern ma halliex lil min ihaddem, jaghmel riduzzjonijiet fl-istaff tieghu minghajr il-kunsens tad-direttur tax-xoghol.

Il-fattur tal-projbizzjoni ta' importazzjoni mill-Gappun fisser illi sparixxa t-turn over tal-kumpanija b'konsegwenza illi hamsin impjegat ma kellhomx xi jbieghhu.

Illi in oltre il-Gvern kien hareg regolamenti illi telefonija ma setghetx issir mill-privat imma min kumpanija tal-Gvern u ghalhekk it-turn over tal-business machines svinta wkoll u dan affettwa lill-kumpanija b'mod aktar serju stante li t-turn over fuq dan il-makkinarju kien aktar u ma kienx daqshekk labour dependent. Illi in fatti fuq telefonija biss l-imputat xehed illi kellu erbgha gajjijiet fuq min jinstalla u dawn baqghu bla xoghol ghax l-imputat ma kellux x'jinstalla. Min hemm hekk imbaghad bdew jinqalghu il-problemi mal-banek. Il-banek bdew jihraxu u minkejja l-isforzi iddisprati tal-imputat biex jipprova sahansitra jimporta photocopiers zarmati, u biex jsiru joint ventures limitati sabiex jkun jista jibqa jiggenera xi tip ta' xoghol ghall-impjegati tieghu, il-profitti ta' dawn kienu jinhatfu mill-banek illi maghhom kellhom l-overdrafts.

Illi sussegwentement il-banek ghamlu call in fuq l-overdrafts b'konsegwenza li l-current account gie imblukkat u ghalhekk waqfet hesrem kull mezz ghall-kumpanija sabiex thallas l-obbligi taghha skond il-ligi.

Illi d-direttur tax-xogholijiet, li dak iz-zmien kien is-Sur Cilia Debono, u minkejja is-sensiela ta' korrispondenza u sensiela ta' meetings mitlubin mill-imputat sabiex f'tali retro scena imweghra tal-kumpanija, almenu jigi koncess lilu il-permess lilu sabiex jillicenzja whud mill-impjegati, li kienu qed jigu imhallsa biex jwettqu ebda xoghol, ir-risposta tad-direttur tax-xogholijiet kienet dejjem wahda fin-negattiv.

Illi fl-ahhar, fl-aghar zminijiet l-impjegati kienu lura fil-paga taghhom b'xi dsatax il-gimgha u l-imputat jistqarr kemm fil-fatt dawn hadu pacenzja. L-imputat xehed wkoll kif wara dawn iz-zminijiet meta l-impjegati tieghu kienu jmorru jaghmlu xi repairs jew jmorru jigbru xi hlasijiet b'lura l-impjegati stess kienu jaqbdu dawn il-flus u jaqsmuhom sabiex jkunu jistghu jithallsu ghal paga taghhom minghajr ma' l-management kienet tara xi sold minnhom.

L-imputat imbaghad esebixxa diversi korrispondenza mal-General Workers Union, esebixxa ir-rifjut mid-direttur tax-xoghol ghal kwalunkwe discharge tal-haddiema (dok MC4 u MC5) u d-direttiva mill-UHM fejn in realta l-impjegati hadu kontroll tal-finanzi tal-Emec u fejn il-Management ma seta jaghmel xejn bl-introjtu tal-kumpanija ghajr illi jhallas lill-impjegati. Gie esebit wkoll dok MC7 li hija cirkolari tac-Chamber of Commerce tad-26 t'Awissu 1998 li habbar it-tnehhija tal-projbizzjoni ta' importazzjoni mill-Gappun.

Din ix-xhieda tal-imputat giet konfermata min Dr John J Vella (fol 145 sa 149) li elabora fuq il-problemi kollha li gew moghbija fuq il-kumpanija Emec u l-isforzi tal-imputat u tax-xhud bhala l-avukat tieghu sabiex isalvaw sitwazzjoni imposibbli.

Ikkunsidrat:-

Id-Dipartiment tat-Taxxi qed jippretendi minghand l-imputat in eccess ta' Lm25,609. Illi f'kaz ta' kumpanija illi thalliet mill-istess Gvern tmexxi in-negozju xieraq f'pajjiz demokratiku dawn kienu jkunu dovuti. Dan pero mhuwiex kaz normali.

Hawn si tratta ta kumpanija illi b'sensiela ta' decizjonijiet u policies arbitrarji tal-istess Gvern ta' dak iz-zmien, giet prekluza milli tkompli bin-negozju ta' importazzjoni u installar ta' apparat tat-telefonija, biex b'hekk tiggenera qliegh u tkun f'posizzjoni illi taderixxi ghall-obbligazzjonijiet taghha kemm ghal dak illi jirrigwarda il-hlas ta' pagi,

kif wkoll ghal dak illi jirrigwarda hlasijiet lil Dipartiment tal-Gvern ghal National Insurance u Taxxa tal-istess.

Illi l-policy ta' ipprojbizzjoni ta' importazzjoni mill-Gappun flimkien mal-policy li jitnehha min idejn il-privat l-infiltrazzjoni fis-suq ta' oggetti tat-telefonija , kienu wahedhom bizzejjed "to wipe out his business".

Kieku l-policies waqfu hawn biss, l-imputat kien jisubixxi hardship kiefra izda kien jkun f'posizzjoni almenu, biex jillikwida dak in-negozju u jkun jista jidhol fi trading gdid, f'tip ta' negozju gdid. Izda l-anqas ma thalla jaghmel l-imputat il-ghaliex bil-policy tal-Gvern ta' dak iz-zmien biex ma jaghti l-ebda sensja lill-impjegati specjalizzati tal-imputat, l-imputat kien gie imqieghed mill-Gvern f'posizzjoni impossibbli u cioe biex jkompli jmexxi negozju fittizzju u jkompli jhallas ghal diversi snin lill-impjegati tieghu ghal xejn, b'konsegwenzi horoz mhux bixx ghall-imputat u l-familja tieghu izda wkoll ghall-impjegati u l-familji taghhom kollha.

Illi din il-Qorti baqghet skantata bil-manjiera kwazi teneru, li biha ddeponew l-impjegati kollha tal-imputat, bir-rispett kbir u tangibbli illi urew ghall-imputat, b'ammirazzjoni li kellhom ghalih li baqa jistinka u jipprova jonora almenu il-pagi taghhom, in spite all odds.

Kif jista allura l-istess Gvern jippretendi illi permezz ta' passi kriminali jista jesigi lill-imputat jhallas in-National Insurance u l-PAYE tal-impjegati tieghu?, meta kien l-istess Gvern b'mod arbitrarju waqqaf l-introjtu tal-imputat sabiex jkun jista jippermettieh jaqdi l-obbligi tieghu.

Din il-Qorti ma tistax tasal ghal ebda konkluzzjoni ohra ghajr illi it-Taxxa u n-National Insurance Contributions mitluba mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mhumiex dovuti ghaliex l-imputat kien gie "coerced" biex jzommhom fl-impjieg kontra kull buon sens kummercjali.

Illi ghal dawn il-mottivi u anke fid-dawl tas-sentenza “Pulizija vs Thomas Montalto” deciza fit-3 ta’ Settembru 1999, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

DEP.REG.